

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità:

- Il-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità, billi imponiet lill-BES l-oneru finanzjarju unilaterali u sħiħ li, meta wieħed iqis is-sitwazzjoni finanzjarja attwali tal-BES bħala istituzzjoni suġġetta għal miżura ta' riżoluzzjoni, mhux biss jidher li hu estremament gravi u sinjifikattiv, iżda jeċċedu l-limiti ta' proporzjonalità, f'sens restrittiv;
- Dan huwa wisq iżjed minnu meta jitqies, skont il-BES, li r-responsabbiltà għal dawn l-ispejjeż, għal darbha ma tteħditx mill-Istat Portugiż permezz ta' impenji, taqa' fuq il-Kummissjoni Ewropea nnifisha, bis-saħħa tar-responsabbiltajiet tagħha nnifisha fil-qasam ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet bankarji u tal-impenji meħuda mill-Istati Membri fil-kontest ta' dawn il-miżuri.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Jannar 2015 – Auyantepui Corp. vs UASI – Magda Rose (Mr Jones)

(Kawża T-8/15)

(2015/C 118/39)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Auyantepui Corp. SA (il-Belt tal-Panama, il-Panama) (rappreżentant: E. Manresa Medina, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Magda Rose GmbH & Co. KG (Vienna, l-Awstrija)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Proprietarju tat-trade mark ikkontestata: ir-rikorrenti

Trade mark ikkontestata kkonċernata: trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-element verbali "Mr Jones" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 10 669 794

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-28 ta' Ottubru 2014 fil-Każ R 49/2014-2

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tilqa' l-applikazzjoni għat-trade mark;
- tikkundanna lill-UASI u lill-parti l-oħra, jekk din tintervjeni, sabiex tħallas l-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikoli 8(1)(b) u 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009.
-